MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 211/2007

**Joseph Camilleri u Mary Camilleri**

**vs**

**Mark Causon u Trudy Causon**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn fih l-atturi ppremettew illi:

Ir-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond urban konsistenti f`hanut li jinsab f`Bugibba, limiti ta` San Pawl il-Bahar, Islets Promenade, minghajr numru imma jgib l-isem ta` “Promenade Pharmacy” u konsistenti ukoll f`hanut iehor kontigwu u interkonness, b`faccata fuq l-istess triq, ukoll bla numru imma jgib l-isem ta` “Promenade General Store”;

Dana l-fond inkera lill-intimati permezz ta` kuntratt datata 13 ta` Marzu, 2000 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt;

L-intimati baqghu moruzi fil-hlas tal-kera stabbilita ta` tlett mitt lira (Lm300) filgimgha u dana ghal aktar minn zewgt skadenzi, u, sad-data tal-ppresentata ta` dana l-att, huma moruz fl-ammont ta` Lm26,800;

L-imsemmi kuntratt lokatizzju jaghti d-dritt lir-rikorrenti fi klawsola erbgha (4) illi jitolbu l-hall tal-ftehim minnufih minghajr pregudizzju ghall-jedd li jitolbu l-arretrati ta` kera talvolta dovuti mill-kerrej sa dak iz-zmien;

Ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati permezz ta` Ittra Ufficjali Nru 3554/06 datata 23 ta` Ottubru, 2006, fejn l-intimati gharrfu lir-rikorrenti illi l-kuntratt lokatizju kien qed jigi tterminat u li kellhom jivvakaw l-fond minnufih;

Fl-istess ittra ufficjali, r-rikorrenti interpellaw lill-intimati sabiex ihallsu l-kirja dovuta sa` dakinhar, u dana minnufih;

Minkejja tali interpellanza da` parte tar-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

Jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ai termini tal-Artikolu 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, stante illi l-intimati ma ghandhomx difiza xi jressqu kontra t-talbiet segwenti:-

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta` Procedura u Organizazzjoni Civili;

2. Tiddikjara illi l-intimati kienu moruzi fil-pagament tal-kirja stabbilita fl-artikolu 3 tal-kuntratt tat-13 ta` Marzu, 2000, liema somma dovuta, sad-data tal-ppresentata ta` dana l-att, tammonta ghall-sitta u ghoxrin elf u tmien mitt Liri Maltin (Lm26,800);

3. Tiddikjara tterminata l-kirja naxxenti mill-kuntratt tat-13 ta` Marzu, 2000 bejn il-partijiet, ai termini tal-klawzola 4 tal-istess kuntratt, kif gja interpellat lill-intimati permezz tal-Ittra Ufficjali datata 23 ta` Ottubru, 2006;

4. Tikkundanna lill-intimati in solidum sabiex ihallsu s-somma ta` sitta u ghoxrin elf u tmien mitt Liri Maltin (Lm26,800), rappresentanti kirja dovuta mill-intimati lir-rikorrenti ai termini tal-kuntratt datat 13 ta` Marzu, 2000 u mhux imhallsa;

5. Tikkundanna lill-intimati sabiex jizgombraw minnufih mill-fond urban konsistenti f`hanut li jinsab f`Bugibba, limiti ta` San Pawl il-Bahar, Islets Promenade, minghajr numru imma jgib l-isem ta` “Promenade Paharmacy” u konsistenti ukoll f`hanut iehor kontigwu u interkonness, b`faccata fuq l-istess triq, ukoll bla numru imma jgib l-isem ta` “Promenade General Store”.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta` Ottubru, 2006, u bl-imghax ai termini tal-artikolu 26A tal-Kodici tal-Kummerc, kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota a fol. 19 tal-process li permezz taghha l-atturi cedew il-kawza fil-konfront tal-intimata Trudy Causon.

Rat in-nota a fol. 18 tal-process li permezz taghha l-intimat Mark Causon ammetta t-talbiet kif kontenuti fir-rikors.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors fil-konfront ta` Trudy Causon:

1) Tilqa` l-ewwel talba.

2) Tilqa` t-tieni talba tar-rikors promotur.

3) Tilqa` t-tielet talba.

4) Tikkundanna lill-intimat Mark Causon ihallas is-somma ta` tnejn u sittin elf, erba` mija u seba` u ghoxrin ewro u

wiehed u ghoxrin centezmu (€62427.21) ekwivalenti ghal Lm 26,800.

5) Tilqa` l-hames talba u tordna lill-intimat jizgombra minnufih mill-hanut li jgib l-isem “Promenade Pharmacy”, Islets Promenade, Bugibba limiti ta` San Pawl il-Bahar u mill-hanut “Promenade General Store” fl-istess triq.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur, kontra l-istess Mark Causon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------